# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 405/2013

## tat-2 ta' Mejju 2013

## li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Perù

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2012/735/UE, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"). Skont id-Deċiżjoni 2012/735/UE, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm ikun hemm it-tmiem tal-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Il-Ftehim jibda japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Marzu 2013.

(2) Is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima B tal-Appendiċi 1 għall-Anness I tal-Ftehim jikkonċerna l-eliminazzjoni tariffarja fl-Iskeda tal-Parti tal-UE għal oġġetti li joriġinaw fil-Perù. Għal numru ta' prodotti speċifiċi, huwa jipprovdi għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji. Huwa għalhekk meħtieġ li tiftaħ kwoti tariffarji għal prodotti bħal dawn.

(3) Il-kwoti tariffarji għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni fuq bażi ta' min jasal l-ewwel skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali ([2]).

(4) L-intitolament għal-benefiċju mill-konċessjonijiet tat-tariffa għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova relevanti tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali, kif provdut fil-Ftehim.

(5) L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([3]), kif emendat minn Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 ([4]), fih kodiċijiet ta' NM ġodda li huma differenti minn dawk imsemmija f'dan il-Ftehim. Il-kodiċijiet il-ġodda għandhom għalhekk ikunu riflessi fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(6) Billi l-Ftehim jidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Marzu 2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Kwoti tariffarji tal-Unjoni huma miftuħa għall-oġġetti li joriġinaw fil-Perù u elenkati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Id-dazji doganali applikabbli għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti li joriġinaw fil-Perù u elenkati fl-Anness, għandhom fil-kwota tariffarja rispettiva stipulata fl-Anness ma' dan ir-Regolament, jiġu sospiżi.

*Artikolu 3*

Il-kwoti tariffarji referuti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikoli 308a u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Marzu 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 354, 21.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([4]) ĠU L 304, 31.10.2012, p. 1.

*ANNESS*

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7210 | 0201<br>0202<br>0206 10 95<br>0206 29 91<br>0210 20<br>0210 99 51<br>0210 99 90<br>1602 50 10<br>1602 90 61 | Laħam ta' bovini, frisk jew imkessaħ | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 1 792 (1) |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 2 365 (1), (2) |
| 09.7211 | 0403 90 | Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 1 584 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 2 090 (3) |
| 09.7212 | 0405 | Butir u xaħmijiet oħrajn u żjut derivati mill-ħalib; prodotti li jiddelku li ġejjin mill-ħalib | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 417 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 550 (4) |
| 09.7213 | 0406 | Ġobon u baqta | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 2 084 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 2 750 (5) |
| 09.7214 | 0703 20 | Tewm | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 625 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 825 (6) |
| 09.7215 | 2105 | Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le | From 1.3.2013 to 31.12.2013 | 125 |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 165 (7) |
| 09.7216 | 1005 90 | Qamħirrum, għajr żrieragħ | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 8 334 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 11 000 (8) |
| 09.7217 | 0711 51 | Faqqiegħ tal-ġenus *Agaricus* ippriservat provviżorjament, iżda f'dan l-istat mhux tajjeb għal konsum immedjat | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 84 |
| | 2003 10 | Faqqiegħ tal-ġenus Agaricus, ippreparat jew ippriżervat b'mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċeti-ku. | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 110 (9) |
| 09.7218 | 0402 10<br>0402 21<br>0402 99 | Ħalib u krema, ikkonċentrati jew li jkun fihom zokkor miżjud jew materja oħra tal-ħlewwa, fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 2 500 |
| | 0402 29 | Ħalib u krema, li fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, f'forom oħra minn trab, ħbub jew forom solidi oħrajn | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 3 300 (10) |
| 09.7219 | 0402 91 | Ħalib u krema, ikkonċentrati, iżda li ma fihomx zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, f'forom oħra minn trab, ħbub jew forom solidi oħrajn | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 5 000 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 6 600 (11) |
| 09.7220 | 0203 11 10<br>0203 12 11 | Laħam tal-majjal domestiku, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 3 334 |
| | 0203 12 19<br>0203 19 11<br>0203 19 13<br>0203 19 15<br>0203 19 55<br>0203 19 59<br>0203 21 10 | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 4 400 (12) |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| | 0203 22 11<br>0203 22 19<br>0203 29 11<br>0203 29 13<br>0203 29 15<br>0203 29 55<br>0203 29 59 | | | |
| 09.7221 | Ex 0207 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor għajr fwied, tat-tjur tal-intestatura 0105, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 6 250 |
| | 0210 99 39 | Laħam ieħor, immellaħ, f'ilma mielaħ, imnixxef jew affumikat; smida oħra tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam tajbin għall-ikel | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 8 250 (13) |
| | 1602 20<br>1602 31<br>1602 32<br>1602 39 | Laħam ieħor ippreparat jew ippreservat, ġewwieni tal-laħam jew demm, ta' fwied ta' kull annimal jew ta' tjur tat-titolu 0105 | | |
| 09.7222 | Ex 1006 | Ross, ħlief ross fil-ħliefa (paddy jew aħrax), għaż-żriegħ | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 28 334 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 37 400 (14) |
| 09.7223 | 2208 40 51<br>2208 40 99 | Rum u spirti oħra miksub permezz tad-distillazzjoni ta' prodotti mizzokkor tal-kannamieli ffermentati, f'kontenituri li jesgħu aktar minn 2 litri | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 834 ettolitri (imfissra f'unità ekwivalenti ta' alkoħol pur) |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 1 100 ettolitri (imfissra f'unità ekwivalenti ta' alkoħol pur) (15) |
| 09.7224 | 0710 40<br>0711 90 30<br>2001 90 30<br>2004 90 10<br>2005 80 | Qamħ ħelu | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 584 |
| | 2008 99 85 | Qamħirrun, ħlief qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata) ippreparat jew ippreżervat mod ieħor, li ma fihx spirtu miżjud jew zokkor miżjud | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 770 (16) |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7225 | 0403 10 | Jogurt | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 25 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 33 (17) |
| 09.7226 | 1701 13<br>1701 14<br>1701 91<br>1701 99 | Zokkor tal-kannamieli, li ma fihx sustanzi miżjuda għat-togħma jew għall-kulur; zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida, minbarra zokkor mhux raffinat li ma jkollux sustanzi miżjuda għat-togħma jew għall-kulur | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 18 334 (espressi f'ekwivalenti ta' zokkor mhux maħdum) |
| | 1702 30 | Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li ma fihomx fruttożju jew fihom fl-istat xott anqas minn 20 % tal-piż fruttożju | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 22 660 (espressi f'ekwivalenti ta' zokkor mhux maħdum) (18) |
| | 1702 40 90 | Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li fih, fil-forma niexfa, għallinqas 20 % iżda anqas minn 50 % skont il-piż tal-frut-tożju, eżkluz iz-zokker invertit: | | |
| | 1702 50 | Fruttożju kimikament pur | | |
| | 1702 90 30<br>1702 90 50<br>1702 90 71<br>1702 90 75<br>1702 90 79<br>1702 90 80<br>1702 90 95 | Zokkrijiet oħrajn, inklużi zokkor maqlub (invert) u taħlitiet oħra ta' zokkor u ġulepp taz-zokkor li fihom fl-istat xott 50 % tal-piż fruttożju, ħlief maltożju kimikament pur | | |
| 09.7227 | Ex 1704 90 99 | Ħelu taz-zokkor ieħor li ma fihx kawkaw, li fih 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | Mill-1.3.2013 sal-31.12.2013 | 8 334 |
| | 1806 10 30<br>1806 10 90 | Trab tal-kawkaw b'65 % jew aktar, bil-piż, ta' sukrożju jew iżoglukożju muri bħala sukrożju | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 10 300 (10) |
| | Ex 1806 20 95 | Preparazzjonijiet oħrajn fi blokki, ċangaturi jew biċċiet jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fil-kwan-tità f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg, fihom inqas minn 18 % tal-piż butir tal-kawkaw u 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | | |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| | Ex 1901 90 99 | Preparazzjonijiet oħra tal-ikel tad-dqiq, frak oħxon, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li fihom 70 % jew iktar tal-piż sukrożju; preparazzjonijiet oħra tal-ikel ta' oġġetti fl-intestaturi minn 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom kawkaw jew li jkun fihom inqas minn 5 % bil-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju | | |
| | Ex 2006 00 31<br>Ex 2006 00 38 | Frott (esklużi frott tropikali u ġinġer), ħaxix, ġewż (minbarra l-lewż tropikali), qxur tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (ixxuttati, glacé jew mgħasslin), li fihom 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | | |
| | Ex 2007 91 10<br>Ex 2007 99 20<br>Ex 2007 99 31<br>Ex 2007 99 33<br>Ex 2007 99 35<br>Ex 2007 99 39 | Ġammijiet, ġelatini tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott jew tal-ġewż, miksuba permezz tat-tisjir, li fihom 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | | |
| | Ex 2009 | Meraq tal-frott (minbarra meraq tattadam, meraq ta' frott tropikali u taħlitiet ta' meraq tal-frott tropikali) u meraq tal-ħaxix b'valur mhux ogħla minn EUR 30 għal kull 100 kg piż nett, mhux iffermentat u li ma fihx spirtu miżjud, li fiha 30 % jew aktar bil-piż ta' zokkor miżjud | | |
| | Ex 2101 12 98<br>Ex 2101 20 98 | Preparazzjonijiet b'bażi ta' tè jew mate li jkun fiha 70 % jew aktar f'piż tas-sukrows/isoglukows | | |
| | 2106 90 30<br>2106 90 59 | Xroppi tal-isoglukosju b'sustanzi miżjuda għat-toma jew il-kulur Ġuleppijiet taz-zokkor oħrajn imħawrin jew kuluri oħra minn xropp tal-laktosju, xropp tal-glukosju u xiropp tal-maltodextrine | | |
| | Ex 2106 90 98 | Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | | |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Isem il-merkanzija | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| | Ex 3302 10 29 | Taħlitiet ta' sustanzi bir-riħa u taħlitiet b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użat fl-industriji tax-xorb, li fihom is-sustanzi kollha li jagħtu t-togħma lil xorb partikolari, ta' qawwa alkoħolika attwali b'volum li ma jaqbiżx 0,5 %, li fihom 70 % jew iktar tal-piż sukrożju | | |

(1) Espress bħala ekwivalent tal-piż tal-karkassi kif ġej: 100 kilogramma ta' laħam bl-għadam se jkun ekwivalenti għal 70 kilogramma ta' laħam mingħajr għadam.
(2) B'żieda ta' 215-il tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(3) B'żieda ta' 190 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(4) B'żieda ta' 50 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(5) B'żieda ta' 250 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(6) B'żieda ta' 75 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(7) B'żieda ta' 15-il tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(8) B'żieda ta' 1 000 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(9) B'żieda ta' 10 tunnellati metriċi kull sena mill-2015.
(10) B'żieda ta' 300 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(11) B'żieda ta' 600 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(12) B'żieda ta' 400 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(13) B'żieda ta' 750 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(14) B'żieda ta' 3 400 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(15) B'żieda ta' 100 ettolitri (espressi f'ekwivalent ta' alkoħol pur) kull sena mill-2015.
(16) B'żieda ta' 70 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(17) B'żieda ta' 3 tunnellati metriċi kull sena mill-2015.
(18) B'żieda ta' 660 tunnellata metrika kull sena (espressi f'ekwivalenti ta zokkor mhux maħdum) kull sena mill-2015.